# 130 SENA STORJA TA' BANDA ĠEWWA BIRKIRKARA

Huwa xieraq li f'din is-sena hekk importanti fl-istorja glorjuża tal-Każin Santa Liena, Banda Duke of Connaught's Own, f'dan il-programm infakkru d-diversi avvenimenti li għaddiet il-banda tagħna tul dawn il-130 sena. Minħabba li ma jdumx ma joħroġ ktieb bl-istorja tal-Każin, tagħrif u ritratti, se naraw l-aktar attivitajiet importanti li kellha din l-ewwel Banda Karkariża. Aktar tagħrif ukoll wieħed jista' jsib fil-programm tal-125 sena anniversarju.

Il-Banda Duke of Connught's Own kellha l-ġenesi tagħha fl-1865 taħt is-surmast Tumas Galea. Maċ-ċirkostanzi taż-żmien, l-isem tal-banda tbiddel erba' darbiet sal-1903, f'liema sena ħadet l-isem preżenti li żammitu sal-lum. Ismijiet tal-Banda



*1873: Il-Banda taħt is-Surmast Tommaso Galea.*

kienu Filarmonika Birkirkara, Filarmonika La Stella, Filarmonika Alleanza u Filarmonika Santa Liena.

Fis-sena 1897, l-għajta ta' direttur messet lis-Sur Raffaele Ricci u f'dik is-sena ikkompona Innu ġdid lil Sant'Elena fuq l-istess versi tal-Kan. Dr. G. Bugeja, u billi baqa' l-aktar innu popolari għadu jindaqq sal-lum. Fit-28 ta' Frar tal-1900, fl-okkażjoni tad-dħul tal-Ingliżi ġo Ladysmith fit-Transvaal, il-banda għamlet żewġ dimostrazzjonijiet kbar: fil-5 ta' Marzu mill-każin għall-'Casa Leone' b'marċi brijużi u l-għada mill-każin għal Villa Bologna, imdawwra b'folla entużjażmata, fejn

ġiet milqugħa mis-segretarju ta' Malta, Sir Gerald Strickland. Filwaqt li għamel stima lill-Banda, irregalalha tazza tal-fidda bil-kliem "Sir Gerald Strickland to St. Helena Band Club – Ladysmith's relief, 28.2.1900".

Il-Ħadd 3 ta' Frar 1901, il-bandisti tal-Filarmonika Sant'Elena għamlu dimostrazzjoni spontanja l-Ħamrun biex iwasslu bil-marċi l-qanpiena l-kbira hija u ġejja fuq karru mill-funderija ta' Ġulju Cauchi, f'Għajn Dwieli, kif tlestiet. Fis-sena 1903, il-Banda ġiet mistiedna tagħmel żewġ programmi mużikali f'Ħal Qormi fil-festi ċentinarji ta' San Ġorġ. Dik il-ħabta kien hawn Malta His Royal Highness The Duke of Connaught. Fl-istess waqt, il-banda kienet qed tħejji biex tagħmel l-uniformi. F'seduta ġie deċiż li ssir uniformi militari u għalhekk marret kummissjoni mmexxija mill-president Dr. Alfred Parnis LL.D, għand id-Duka

*Ikompli paġna 40*



*Il-Banda taħt is-Surmast Raffaele Ricci.*



*1946: Id-debutt tal-Kapt. Anthony Aquilina mal-Banda - l-ewwel kariga ċivili tiegħu għall-programm fit-teatru tal-Kulleġġ San Alwiġi fis-6 ta' Jannar, 1946.*

biex tgħarrfu bil-proposta. Id-duka aċċetta u anke ssuġġerixxa li jagħti ismu lill-banda, isem li nżamm sal-lum. F'seduta ġie deċiż li l-isem komplut ikun "Circolo Sant'Elena Filarmonika Duke of Connaught." L-uniform ġiet imżanżna meta d-Duka stieden il-banda biex tagħmel programm mużikali fil-ġnien privat ta' San Anton. Fl-1904 id-direzzjoni tal-banda ħadha f'idejn is-Sur Giuseppe Tufigno filwaqt li sena wara il-bakketta tgawdiet mis-surmast Salv. Mallia li taħtu għamlet progress. Fl-istess sena nkixfet il-pittura ġdida tal-koppla tal-kolleġġjata u ġiet imbierka mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Pietru Pawl Pace. Fl-istess sena l-Banda ħadet sehem fil-festi tal-inkurunazzjoni tal-B.V.M. Immakulata f'Bormla u għamlet żewġ programmi mużikali fl-24 u l-25 ta' Ġunju.

Fl-1907, il-banda ħadha f'idejh is-surmast Alfred P. Mare u fost il-ħafna attivitajiet li kellha taħt dan is-surmast, fl-1910 ħadet l-inizjattiva fil-festi esterni fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tal-B.V. Madonna tal-Ħerba, it-tiżjin fit-toroq u l-kummissjonijiet tal-baned li ħadu sehem tmexxew mill-kumitat tal-banda. Fl-1911 ġie magħżul is-surmast Dandu Camilleri. Il-kariga tiegħu kompliet żiedet is-suċċessi mużikali. Fis-snin 1912-13 il-banda tmexxiet mis-surmast Frans Xuereb. L-aktar attività mportanti kien is-sehem li ħadet fil-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta f'April tal-1913. Fost attivitajiet oħra l-banda laqgħet lill-Emin. Tiegħu l-Kardinal Francica Nava fejn akkumpanjatu mill-bidu ta' Fleur-de-Lys sal-Kolleġġjata bid-daqq tal-marċi. Waqt il-quddiesa solenni kardinalizja, it-trombi tal-banda daqqew salut ġenerali fis-Sanctus mit-twieqi tal-koppla tal-

*Ikompli f'paġna 41*

**PORTLAND HARDWARE STORES**

*Frame maker*
*Frame Moulding Specialist*
*Glass Mirror Stockist*

179, Main Street
Birkirkara BKR 05

Knisja. Il-Kardinal Nava kien il-mistieden tas-Soċjetà. Fiss-ena 1914 bdiet l-ewwel gwerra dinjija u billi s-surmast Xuereb kien fil-milizja ma setax jaqdi dmiru mal-banda. Għalhekk ġise msejjaħ b'surmast tal-banda s-Sur Vin Costa. Fl-1917 nerġgħu insibu l-banda taħt il-bakketta tas-Surmast Xuereb. Fl-1919 xi bandisti qajjmu nkwiet fil-Każin billi riedu jieħdu l-banda taħt idejhom u bagħtu ittra uffiċjali lill-Kumitat biex fi żmien tmint ijiet jiġi kkonssenjat lilhom l-okkorrent kollu tal-banda ul-mobbli tal-Każin. Il-president Dott. Tommaso Fenech LL.D., għajjat seduta ġenerali li fiha ordnat il-bandisti kollha biex jieħdu sehem f'Kunċert ġenerali mużikali. F'din il-laqgħa s-surmast kellu 34 minn 45 bandist. Għalhekk il-Kumitat wieġeb għall-ittra uffiċjali hekk: is-segretarju, kaxxier, u 8 membri tal-kumitat, surmast, 34 bandist u 84 soċju sussidjarju, jikkonsidra l-ittra hija bla sustanza u bla valur, u għalhekk kemm il-mobilja u kemm l-oġġetti tal-banda jibqgħu propjetà tal-Każin.

Nhar is-Sibt 8 ta' Diċembru 1923, saret festa f'ġieħ l-Immakulata Kunċizzjoni li hemm statwa tagħha f'niċċa fil-kantuniera ta' bejn Triq Santu Rokku u Triq l-Imsida. Għal dinl-okkażjoni l-banda ġiet mistiedna biex tagħmel programm fil-



*1964: Il-Banda ddoqq il-God Save the Queen għall-aħħar darba f'Malta ftit qabel bdiet iċ-ċerimonja ta' l-għoti ta' l-Indipendenza 20 ta' Settembru, 1964. Pittura ta' John Baldacchino.*

lokal u wara dan, l-abitanti ta' ħdejn in-niċċa stmaw lill-banda fil-każin fejn irregalawha standard irrakkmat bl-istemma tal-Kunċizzjoni u tazza tal-fidda. Nhar il-11 ta' Settembru 1926, il-banda marret Katania b'ġita. Hemmhekk kellha laqgħa sabiħa mill-Kataniżi u ġiet ukoll irregalata standard bl-istemma ta' Katania. Fit-

*Ikompli paġna 42*

13, il-banda għamlet programm mużikali ġo Villa Bellini li kien milqugħ b'applawz specjalment is-Selection Norma, sa kellha tirrepeti ruħha. Il-laqgħa ntemmet b'repò, diskors eloġiku u għotja ta' tazza tal-fidda.

Fil-festa tal-Madonna tad-Duttrina nhar id-29 ta' Mejju, 1927 il-banda kienet benefattriċi billi għamlet programm tal-festa bla ħlas. Għall-festi ċentinarji f'ġieħ Sant' Elena li kienu saru fl-1928, il-banda tat qliegħ ta' żewġ tombli, daqqet bla ħlas f'żewġ fieri u għamlet l-armar artistiku tal-pjazza u Triq Irjali.

Fil-ftuħ tal-festi ċentinarji, 26 t'Awissu 1928, il-każin u l-banda kellhom attivitajiet kbar. Dak in-nhar kien mistieden Mons. Isqof Dom Mauro Caruana u wara assista fil-ftuħ tal-festi ġewwa l-kolleġjata Il-Kumitat stiednu biex ibierek standard jirrappreżenta l-arma tal-banda. Din iċ-ċerimonja saret fuq il-presbiterju tal-knisja b'dehra tassew imponenti. L-assistent Segretarju, is-Sur Pawl Attard żamm l-istandard filwaqt li kien indawwar mill-Kumitat u l-bandisti lebsin gala bl-uniformi.

Fis-7 ta' Settembru 1930, il-banda marret ġita f'Noto għall-festa ta' San Corrado u ħadet magħha nies minn Malta kollha tant li d-dwana waqqfet il-bejgħ tal-biljetti minħabba li l-vapur kien full-up. F'Noto, il-banda għamlet marċ filgħodu b'pass mgħaġġel stil militari peress li quddiem il-banda hekk mexa il-kumitat t'hemmhekk. Quddiem il-Muniċipju, il-banda ntonat l-innu taljan filwaqt li filgħaxija kellha laqgħa mal-Isqof tal-post. Fis-7.00 p.m. reġgħet għamlet marċ u programm fi Pjazza Trigona li dam tlett sigħat. L-għada il-banda poġġiet kuruna fuq it-taraġ tal-monument tal-gwerra u filgħaxija esegwiet programm mużikali f'Villa Umberto.

Fis-17 ta' Jannar 1932, il-banda akkumpanjat il-qanpiena l-ġdida, il-kbira li saret f'Milan mid-ditta fratelli Barigozzi, bid-daqq ta' marċi minn Fleur de Lys sa fuq iz-zuntier tal-Kolleġġjata.

Fl-1935, inħatar Prepostu Karkariż wara 12-il sena, il-W.R. Kan. Giuseppe Sammut meta ħa l-pussess nhar l-14 t'April. Iż-żewġ baned Karkariżi akkumpanjawh mid-dar tiegħu f'Main Street sal-parroċċa. Il-ferħ ta' din l-okkażjoni inbidel f'niket għax wara l-programm is-Surmast Xuereb ħassu ħażin sewwa u miet jumejn wara. Kien ilu 21 sena direttur tal-banda. Kif inhu xieraq il-banda onorat lis-Surmast Francesco Xuereb b'funeral mill-isbaħ, filwaqt li s-suċċessur tiegħu kien is-Sur Pio Ciappara li ddebutta bħala surmast ġewwa Ħal Balzan fil-festa tal-Lunzjata.

Jum memorabbli għas-Soċjetà kien il-Ħadd, 12 ta' Diċembru 1937, meta ħalliet il-lokal Nru 2 Pjazza Sant'Elena u niżlet b'daqq ta' marċi għad-dar il-ġdid fit-Triq tal-Wied. Immedjatament wara ingħata rkaptu biex isir l-arkivju tal-mużika. L-imgħallem ta' din l-għamara artistika kien Pietru Muscat li ħadimha mill-kewba u ġewż u ornat bil-bronż. Il-kotba nħadmu mis-Sur G. Sciberras us s-Sur E. Zammit, ex-bandisti.

It-Tnejn 10 ta' Jannar 1938 kienet ġurnata ta' niket għas-soċjetà bil-mewt ta' benefattur u kważi promotur tal-banda – is-Sur Kostantino Fenech P. L. Il-banda tat tislima solenni lis-Sur Zanz b'Korteo funebri li għalih attendiet rappreżentanza

*ikompli f'paġna 43*

minn Malta kollha. Fil-perjodu tal-biża' waqt il-gwerra, il-każini ttrasforma ruħu minn lok kulturali f'refuġju ta' 136 ruħ evakwati minn djarhom tal-Kottonera, b'ispazju żgħir imħolli għall-attività tas-soċjetà.

Okkażjoni kbira għall-banda seħħet nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru meta l-istatwa u l-kwadru nkurunat ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla irritornaw f'darhom f'pellegrinaġġ storiku. F'dan il-pellegrinaġġ daqqew iż-żewġ baned, bil-banda tagħna ddoqq quddiem il-kwadru li mexa l-aħħar. Kif il-kwadru tfaċċa fil-bieb il-kbir tal-Knisja ta' Sant'Elena, il-Banda Duke of Connaught daqqet fanfarra quddiemu.

Wara li rtira s-Surmast Pio Ciappara ġiet imsejjħa seduta ġenerali fl-1 t'Ottubru 1945 u ntgħażel b'surmast tal-banda il-kaptan Anthony Aquilina. Ma tantx għadda żmien li s-surmast Aquilina esegwixxa progamm ġot-teatru San Alwiġi taħt il-presidenza ta' l-Eċċellenza tiegħu Mons. M. L. Gonzi Arċisqof. Dan sar fit-6 ta' Jannar 1946. Ġo Birkirkara għamel xi żmien ma jsirux festi, għalhekk il-banda kienet tkun mistiedna biex ddoqq fil-pjazzez tal-lokal, fejn kull okkażjoni il-banda kienet tiġi rregalat b'diversi tazzi tal-fidda. Il-banda daqqet f'Msida Street, Brared Street fejn hawnhekk fost il-ħafna rigali li qalgħet, ġiet irregalata statwa tal-ġebel ta' Sant'Elena (dik li għandna fit-terazzin il-ġdid) mogħtija mis-Sur Paul Xuereb.

Fl-1948 meta d-Duke of Gloucester kien mistieden biex jiftaħ l-ewwel sessjoni tal-Parlament Malti wara t-Tieni Gwerra dinjija, waqt li l-Altezza tiegħu kien nieżel minn San Anton għall-palazz, il-banda Duke of Connaught laqgħetu fuq il-pont ta' B'Kara bid-daqq tal-God Save the King. Wara li l-Altezza tiegħu talab tagħrif kif il-banda tipposjedi l-istandard irjali, is-Sur John Micallef, Viċi president tal-każin, informah biċ-ċertifikat mogħti mill-altezza tiegħu Duke of Con-

*ikompli f'paġna 45*



*1965: Festi Ċentinarji: il-Banda tesegwixxi l-programm vokali u strumentali tal-festi ċentinarji fil-Wied taħt id-direzzjoni tas-Surmast Carmelo Brincat.*

naught. Fis-26 ta' Settembru 1948 iżżanżan il-plančier fil-ġnien tal-Argotti, l-Furjana. Il-plančier kien muri fil-pjazza Sant'Elena nhar it-3 t'Ottubru u ġie mbierek mill-W. R. Dekan Dun Kostantino Muscat; fejn wara ġie esegwit programm mużikali.

Jum memorabbli għall-Każin kien nhar it-Tleita 3 ta' Mejju 1950, festa tas-Salib Imqaddes. Dak in-nhar saret għall-ewwel darba l-festa mill-1937 wara deċiżjoni favorevoli rigward id-drittijiet tal-Kolleġġjata mil-qorti ta' Sacra Rota. B'hekk iż-żewġ każini ħassru l-ftehim tal-5 ta' Mejju 1937 li ma jieħdux sehem fil-festi esterni b'riżultat li l-Banda tagħna għamlet marċ u programm fuq il-plančier biex tallegra l-ewwel festa. Għal din il-festa il-Każin ħallas l-ispejjeż ta' l-isparar li nħaraq, dak in-nhar. Għall-festa ta' Santa Liena tal-1950 kienu qed isiru tħejjijiet kbar minn kull lat minħabba li kienet ilha ma ssir erbatax-il sena. Għadd kbir ta' partitarji tal-banda kienu qegħdin jagħdmu kwantità ta' nar meta fit-28 ta' Ġunju ġratilhom disgrazzja kbira billi nqerdet il-Kamra tan-nar li kienet fi Sqaq Ganu waqt li kienu qed jaħdmu. Mietu tlieta: Ġużeppi Borg, Ninu Grech u Victor Agius. Żaru Micallef u Ninu Pisani korrew gravi fl-istess disgrazzja. Din id-disgrazzja ħasdet lil kulħadd u Birkirkara waqgħet f'luttu. Kien sar funeral kbir filwaqt li s-Soċjetà Sant'Elena ħassret il-programm tal-Banda li kellu jsir fil-pjazza biex tiffesteġġja x-xiri tal-istrumentatura.

Fl-1951 insibu lill-Banda Duke of Connaught kienet fost l-aktar banda popolari f'Malta fejn insibu li matul is-sena il-banda għamlet 40 servizz bejn festi u stedin ieħor.

Fil-festa ta' Sant'Elena tal-1952 is-Soċjetà ħadet ħsieb tforni l-isparar kollu li nħaraq matul il-festa. F'Mejju tal-1994, għamlu żjara statli f'Malta il-maestà tagħha r-Reġina Elizabetta II u d-Duka ta' Edinburgh. Il-banda tagħna kienet waħda mill-ftit baned li gew magħżula mill-Kumitat tul festi statali billi laqgħathom fi Triq il-Wied bid-daqq tal-'God Save the Queen'.

F'April 1956 iż-żewġ baned Karkariżi akkumpanjaw lil Dun Ġwann Micallef, Dun Pawl Gauci, Dun Manwel Grech u Dun Anton Mallia fi triqthom lejn il-Bażilika fil-pussess ta' Kanonċi. F'Ġunju ta' dik is-sena rriżenja s-Surmast Maġġur Anthony Aquilina. Dak ix-xahar stess inħatar floku Carmelo Brincat li kien surġent maġġur fil-banda tal-Forzi armati tal-pulizija. Is-surmast Brincat beda t-treġija uffiċjali tal-banda f'Jannar ta' wara bi programm vokali u strumentali ġo Pjazza Sant'Elena. Is-surmast Brincat kellu x-xorti li jidderiġi l-banda fiċ-Ċentinarju tagħha.

Fis-7 t'Awissu 1960, il-banda daqqet marċ u programm fl-okkażjoni tal-festi f'għeluq il-50 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna tal-Ħerba f'Birkirkara.

Nhar is-Sibt 21 ta' Mejju 1960, il-banda Duke of Connaught's Own tat sehem fil-festi ċentinarji tal-Miġja ta' San Pawl f'Malta fejn iżżanżan Innu lil San Pawl tas-Surmast Carmelo Brincat fuq il-versi ta' Dun Frans Camilleri. F'Diċembru ta' l-istess sena il-banda ġiet mistiedna biex takkompanja bil-marċi funebri ta' Chev. Joseph Busuttil, surmast tal-banda Sant'Elena. Fil-25 ta' Jannar tal-1962, il-banda

*ikompli f'paġna 46*

akkumpanjat liż-żewġ statwi tal-bronz ta' San Ġwann Evanġelista u San Pawl mill-funderija f'Mannarino Road għall-bażilika fejn tpoġġew fuq il-presbiterju.

Nhar il-Ħadd 5 t'Awissu l-banda tagħna akkumpanjat lil Mons. Ignatius Sciberras Psaila J.U.D. mid-Domus Curialis sal-bażilika biex jieħu l-pussess tal-Prepostu.

Fil-21 ta' Settembru 1964, Malta spiċċat minn kolonja Ngliża u ħadet l-Indipendenza. Fil-festi kbar li saru, sehem il-baned ma naqasx, il-qofol tal-festa kien fl-Arena tal-Indipenza, matul il-lejl bejn l-20 u l-21, fejn il-Banda Duke of Connaught kellha sehem storiku. Il-banda daqqet ħdejn l-istatwa tal-Granmastru Vilhena, ftit il-bogħod miċ-ċerimonja tal-għoti tal-Indipendenza. Il-programm spiċċa fl-10.30 p.m. b'daqq tal-Innu Nazzjonali Ngliż kif kienet l-użanza kolonjali. Dlonk seħħet l-Indipendenza u minn hawn il-quddiem il-baned Maltin bdew idoqqu l-Innu Nazzjonali Malti. Il-British Culture Association mgħarrfa b'dan l-avveniment storiku ikkonsinjat pittura ta' John Baldacchino biex tfakkar l-aħħar li ndaqq l-innu Ngliż. Il-pittura ġiet irregalata lis-Soċjetà fid-19 t'Ottubru 1989.

F'Ottubru tal-1964 bdew isiru tħejjijiet għall-festi kbar taċ-ċentinarju tal-banda. Inħatret kummissjoni komposta mis-sinjuri Joseph Zarb, Anthony Sultana, u Emanuel Schembri għal dan iċ-ċentinarju li ġie ċċelebrat bejn is-16 u t-22 t'Awissu. Il-qofol tal-festi kien programm vokali u strumentali li l-banda esegwiet fuq il-planċier fit-22 t'Awissu ħdejn il-Każin tal-futbol fi Triq il-Wied. F'din il-festa iżżanżan innu tal-banda ġdid versi tal-poeta karkariż George Portelli u mużika ta' Mro. Carmelo Brincat.

*ikompli f'paġna 47*



*1978: L-istatwa ta' Santa Liena quddiem il-Każin waqt il-purċissjoni tal-festi Ċinkwantenarji li nżammet filgħaxija – bħal fl-1950, 1953 u 1987.*

Sar quddies b'tħejjija u b'ringrazzjament fil-Knisja ta' San Pawl u fil-kappella tal-każin, recording ta' marċi u l-innu ta' Santa Liena, Social Evening fil-Każin, party għat-tfal fit-teatru 'Prince', inkixfet lapida kommemorattiva fl-intrata tal-Każin, iżżanżnet bandalora irregalata mill-membri flimkien ma' diversi trofej, kif ukoll sar logħob tan-nar tal-art artistiku f'Old Church Street, maħdum mill-aħwa Briffa. Għal dawn il-festi wkoll sar tiżjin ġdid tal-faċċata tal-każin u għall-wied, xogħol immexxi mill-ħabrieki Alfred Muscat, bandist u membru tal-Kumitat.

Nhar l-Erbgħa 2 ta' Jannar 1968, miet is-Surmast Carmelo Brincat wara ħdax-il sena bħala surmast direttur. Il-funeral sar l-għada, fejn ħadu sehem iż-żewġ baned, Sant'Elena quddiem u tagħna wara.

Wara, is-surmast Emanuel Brincat A.(Mus.) LCM wiret il-bakketta ta' missieru fejn fi żmienu kien għalliem tal-allievi fil-Każin.

Il-banda ko-ċittadina Sant'Elena ċċelebrat il-50 sena mit-twaqqif tagħha fit-3 u 4 ta' Mejju 1969. Il-banda tagħna ġiet mistiedna tieħu sehem fil-festa tas-Salib. Għalkemm dan is-servizz kien imiss lill-banda Sant'Elena, minħabba l-festi anniversarji ġiet mistiedna l-banda tagħna.

F'Mejju 1977 is-Surmast Brincat irreżenja mill-kariga tiegħu. Ftit żmien wara, il-kumitat appuntaw lil Andrew Coleiro, għalliem tal-allievi bħala surmast ġdid tal-banda, kariga li għadu jokkupa sal-lum. Is-Surmast Andrew Coleiro ħadem ħafna għall-avvanz tal-banda fejn jibqa' magħruf għar-ripertorju kbir ta' marċi li kiteb lil din il-banda. Marċi li jibqgħu jissemmew għall-ħlewwa u l-melodija li tpaxxi l-widna fosthom Karmar, El Sombrero, Magnus, Nikita eċċ li ndaqqu u għadhom jindaqqu mhux biss fil-festa tagħna iżda f'Malta u f'Għawdex kollu.

Fl-1978 ġie ċċelebrat il-1650 sena mill-mewt ta' Sant'Elena fejn saru festi kbar, ġimgħa baned bla waqfien, tiżjin specjali, pageant mill-aqwa fil-bażilika, funzjonijiet reliġjużi bil-purċissjoni ta' Sant'Elena toħroġ filgħaxija u tgħaddi minn Triq il-Wied u minn quddiem il-każin bħalma sar fl-1950 u fl-1953.

Inżammet ukoll Akkademja mużiko-letterarja fil-bażilika fejn indaqq l-innu orkestrali di Gloria lil Sant'Elena tas-surmast Tumas Galea wara nuqqas ta' snin ma jindaqq. Xogħol esegwit minn Alfred Muscat f'konkors bejn il-Każin tal-baned għall-isbaħ faċċata fil-festi ta' Jum il-Ħelsien, il-każin rebaħ it-tielet premju.

Fl-istess sena 1979, iżżanżnu sett ta' tnax-il pavaljun fi Triq l-Wied. Fl-1981, is-sett ta' marċi ġodda ġie rrekordjat għall-ewwel darba, kif ukoll sar tiżjin ġdid għall-faċċata tal-każin.

Fl-1982 ġiet regalata il-bandiera l-kbira tal-arblu – bl-arma tal-banda fuq sfond aħmar mill-familja Ngliża Myles. F'Diċembru 1983 il-banda ipparteċipat f'Konkors tal-baned biex jitfakkar Jum ir-Repubblika. F'dan il-konkors, il-banda ġiet it-tielet. Fl-1984 saru festi kbar mal-wasla tal-Istatwa artistika ta' Santa Elena li ntramat quddiemil-Każin maħduma mill-istatwarju Michael Camilleri Cauchi t'Għawdex. L-istatwa iżżanżnet fil-marċ ta' l-aħħar tridu ta' dik is-sena.

Fit-23 ta' Settembru 1985 miet il-Maġġur Anthony Aquilina, Surmast tal-banda ko-ċittadina Sant'Antnin u ex-surmast tal-Banda tagħna. Mal-ħajt tal-każin tpoġġa kwadru tiegħu waqt li l-funeral kien għaddejn mill-wied fejn intefgħu fjuri

*ikompli f'paġna 48*

b'tislima. Daqqet il-banda Sant'Antnin filwaqt li d-delegati tal-banda taghna u tal-King's Own ingħataw prominenza billi kienu ż-żewġ baned l-oħra li dderieġa il-Maġġur f'ħajtu.

Fl-1987, ġie ċċelebrat il-150 anniversarju ta' l-istatwa artistika ta' Sant'Elena saru festi speċjali u sehem il-banda tagħna ma naqasx. Il-ħidma għal din il-festa speċjali ġagħlet lid-diriġenti taż-żewġ każini jirriflettu s-sabiħ tal-paċi u l-kruha tal-firda, u qablu biex jitjiebu r-relazzjonijiet ta' bejniethom u ma jibqgħux miksurin. Kienu festi speċjali li fihom il-baned daħlu għand xulxin u ferħu flimkien. Il-qofol tal-festa kien il-purċissjoni li reġgħet għaddiet mill-wied filgħaxija.

Fl-istess sena fl-okkażjoni tal-25 sena mill-ħatra tal-prepostu Mons. Ign. Sciberras Psaila, saret akkademja ad unur tiegħu fil-Bażilika. Il-banda kienet komposta minn bandisti tal-Banda Duke of Connaught u l-banda Sant'Elena li akkumpanjatu b'daqq ta' marċi sal-Bażilika mir-ripertorju taż-żewġ baned.

L-opra artistika ta' Sant'Elena li saret fl-1984 intgħoġbot ħafna mill-artitarji, tant li fuq inizjattiva tas-Sur Michael Dingli, membru tal-Kumitat ġiet ikkummissjonata statwa oħra xbieha tal-imperatur Kostantino Magnus riekeb fuq żiemel abjad, xogħol ta' l-istess statwarju li ħadem f'Sant'Elena. Il-pedistall sar minn John Sammut.

Għall-festi tal-Milied is-soċjetà organizzat Kampanja ta' pubbliċità u ġbir ta' fondi b'risq il-Community Chest Fund fejn inġabret is-somma ta' Lm2,379, li ġiet ippreżentati lill-aġent-president is-Sur Pawlu Xuereb.

Għall-festa tal-1989, is-soċjetà ikkombinat il-briju tal-marċ tat-Te Deum ma' opra filantropika "Ir-Razzett tal-Ħbiberija", kumpless rikreattiv għad-divertiment tal-ħandikappati. Saret pubbliċità permzz ta' slogans stampati fuq T-Shirts, brieret eċċ. Matul is-sena is-soċjetà nidiet diversi ħarġiet soċjo-kulturali lill-allievi ul-membri kemm f'Malta if ukoll f'Għawdex.

Fl-1990 saru festi speċjali fl-okkażjoni tal-125 sena anniversarju mit-twaqqif tal-banda fejn il-qofol kienet l-akkademja mużiko-letterarja li saret fil-bażilika fid-29 t'Apirl. Il-festi ġew iċċelebrati fil-festa ta' Santu Kruċ, fejn nżamm ukoll programm mill-allievi. Sar għoti tad-demm minn diversi membri. Saret ukoll quddiesa ta' ringrazzjament fil-Kappella tal-każin. Kif spiċċat il-festa, xi żgħażagħ immexxija miż-żagħżugħ Mario Meli bil-permess tal-Kumitat Effettiv iffurmaw Kumitat Żgħażagħ biex iktar tikber il-festa ta' San'Elena. Dan il-Kumitat ħadem ħafna fejn fl-1992 inħadmet il-faċċata l-ġdida disinn ta' Michael Camilleri Cauchi, xogħol immexxi minn Lino Meli.

Fl-istess sena wkoll saru umbrellel kbar għal marċ tat-Te Deum maħduma mill-aħwa Salvu u Pawlu Schembri u Omar Coleiro. Sena wara l-istess persuni flimkien ma' diversi membri żgħażgaħ ħadmu kannizzata meraviljuża li żżanżnet fil-marċ tat-Te Deum ta' dik is-sena, marċ li għadu magħruf bhala l-akbar wieħedli qatt sar f'Birkirkara.

Din is-sena qed infakkru il-130 sena mit-twaqqif tal-banda tagħna. Il-banda

*ikompli f'paġna 49*

ħadet sehem fil-pellegrinaġġ ta' tifkira li sar f'għeluq il-50 sena tal-pellegrinaġġ tal-Immakulata ta' Bormla.

Wara ġimgħa festi fil-Bażilika, l-istatwa bdiet il-pellegrinaġġ imfakkar fejn daqqet il-banda tagħna kif ukoll tat tislima hekk kif l-istatwa għaddiet minn quddiem il-Każin. Il-president taż-żgħażagħ Paul Muscat ipprezenta bukkett lil Madonna waqt li nħaraq salut u ntefgħu karti u fjuri mill-Każin.

Biex jitfakkar l-anniversarju saru żewġ programmi kbar mill-banda taħt tis-surmast Andrew Coleiro waħda fi Frar ġo San Alwiġi b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u f'April ġol-Bażilika b'kollaborazzjoni fejn ġew ipprezentati rigali lis-Soċjetà mill-Kumitat Żgħażagħ, Kunsill Lokali u Soċjetà Dun Filiippo Borgia.

*(Tagħrif miġbur mill-Progamm 125 sena Banda f'Birkirkara)*



*l-Akkademja mużiko-letterarja li nżammet reċentement fil-Bażilika Kolleġġjata f'April li għadda.*